Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/399

18.2.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ (PESK) 2026/399

## tas-17 ta’ Frar 2026

## dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (EUMA/1/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/162 tat-23 ta’ Jannar 2023 dwar Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) F’konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/162, il-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f’konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA), inkluż id-deċiżjoni biex jinħatar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”).

(2) Fl-24 ta’ Jannar 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/164 ([2]), li taħtar lis-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMA mill-24 ta’ Jannar 2023 sal-20 ta’ Frar 2024.

(3) Fit-13 ta’ Frar 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/604 ([3]) li testendi l-mandat tas-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMA mill-21 ta’ Frar 2024 sad-19 ta’ Frar 2025.

(4) Fil-11 ta’ Frar 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/319 ([4]) li testendi l-mandat tas-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMA mill-20 ta’ Frar 2025 sad-19 ta’ Frar 2026.

(5) Fid-29 ta’ Jannar 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni ppropona l-ħatra tas - Sa Satu KOIVU bħala Kap tal-Missjoni ta’ EUMA mis-6 ta’ Marzu 2026 sad-19 ta’ Frar 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Satu KOIVU hija maħtura bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) mis-6 ta’ Marzu 2026 sad-19 ta’ Frar 2027.

---

([1]) ĠU L 22, 24.1.2023, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/162/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2023/164 tal-24 ta’ Jannar 2023 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (EUMA/1/2023) (ĠU L 23, 25.1.2023, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/164/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2024/604 tat-13 ta’ Frar 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (EUMA/1/2024) (ĠU L, 2024/604, 16.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/604/oj).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2025/319 tal-11 ta’ Frar 2025 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (EUMA/1/2025) (ĠU L, 2025/319, 12.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/319/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2026.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK